**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 60**

**Data:** **28 ta' Novembru 2023**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

60.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

60.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

60.5 Korrispondenza u Rapporti;

60.6 Attivitajiet tal-Milied;

60.7 Progetti u Xogholijiet;

60.8 Safra;

60.9 Skeda ta' Pagamenti;

60.10 Materji ohra;

60.11 Tmiem tal-laqgha.

---

**60.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

60.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

60.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokumenti korrett.

**60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.3.1 Is-Sindku qal li l-weekend li ghadda kien gie organizzat l-herbs festival u kien success fejn kien hemm anke attendenza ghalih kemm mir-residenti kif ukoll ohrajn.

60.3.2 Is-Sindku qal li fil-prezent il-lampi tat-toroq li qed jehlu huma zghar u mhux qed jaghtu dawl bizzejjed ghaldaqstant huwa ssugerixxa li jinxtraw 20 bozza li jkun tajbin u jaghtu d-dawl mehtieg.

60.3.3 Is-Sindku qal li fi triq il-Knisja kien hemm partijiet li cedew u li hemm bzonn li jsirilhom il-patching. Miriam Borg qalet li hemm toqbda tal-arblu li ukoll qeghda perikoluza. Is-Sindku qal li fir-rigward tat-toqbda tal-arblu din kienet saret pero' spiccat go service culvert u ghaldaqstant din ser tinghalaq. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg.

60.3.4 Is-Sindku qal li l-pont ta' Triq ta' Sdieri ghandu d-dawl mitfi u dan minhabba li qed isir xoghol fit-triq. Huwa zied jghid li l-pjan huwa li jissewwa fil-jiem li gejjin. Is-Sindku qal li l-Ministeru ghal Ghawdex kienu applikaw ukoll sabiex dan il-pont isir bil-pavimentar u jerga jitranga kollox inkluz hajt u dawl.

60.3.5 Is-Sindku qal li fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna kien hemm bzonn li jsir xi manutenzjoni bhal ma gie diskuss f'laqghat ohra tal-Kunsill u titranga l-bankina. Il-Kunsill kien diga kiseb kwotazzjoni li kienet ta' madwar €5000 biex isiru x-xogholjiet mehtiega. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg.

60.3.6 Is-Sindku qal li Triq il-Madonna tal-Virtu' ma genb il-knisja kienu tnehhew il-cables tad-dawl. Issa li ghad baqa' huwa li jsir in-naha tac-Centru Parrokkjali. Huwa spjega li dan ix-xoghol irid isir mill-kuntrattur tad-dawl jew mill-kuntrattur tat-toroq jiddependi min ikun disponibbli l-ewwel. Gie spjegat ukoll li l-culvert kien diga lest sabiex jghaddu l-cables minn gewwa fih. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg.

60.3.7 Gie spjegat li hemm tappieri f'diversi zoni li jridu li jitrangaw mill-aktar fis. Dawn jinsabu f'postijiet diversi bhal pjazzez. Il-Kunsill qabel li ghandhom jitrangaw mill-aktar fis possibli.

60.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ghamel talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isir patching fi Triq l-Gharb peress li hija perikoluza. Huwa qal li ser jerga' jintbghat reminder ghal dawn ix-xogholijiet.

60.3.9 Miriam Borg staqsiet dwar Triq Tumas Cassar meta ser jibdew ix-xogholijiet. Is-Sindku qal li min-naha tieghu huwa kien qed f'komunikazzjoni mall-kuntrattur u jkellmu ta' spiss biex jibda x-xoghol anke peress dan huwa mehtieg li ssir anke it-trinka minhabba l-progetti tal-pannelli. F'rigward ta' dan il-progett huwa qabl li l-istudju ghandu jkun lest sa tmiem il-gimgha peress li l-progett tal-pannelli ser jigi inawgurat fl-ahhar ta' Jannar. Huwa qal ukoll li l-pannelli huma lesti biex jitwahhlu u huwa importanti li titlesta t-triq. F'din it-triq hemm ukoll il-progett tal-pool li qed nistennew li jinbeda x-xoghol.

## 60.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

60.4.1 Gew trattati mistqosijiet mill-Kunsillier Joseph Mizzi:

Sinjali bojod fl-art fil-kantunieri ta' Triq Felic Grech, fejn il-Kunsill kien qabel li ghandhom isiru – Gie spjegat li dawn ser isiru mill-iktar fis possibli.

Instabitx gurnata fost il-gimgha ghall-ftuh tal-librerija ezatt wara l-hin tal-iskola, fejn il-Kunsill kien qabel unanimament. Gie spjegat li b'konsultazzjoni mal-librara din ser tibda' tiftah nhar ta' Hamis bejn is-2.15pm u 3.30pm. Ser tinghata ukoll nota lill-iskola.

Fil-laqgha tal-20 ta' Jannar 2023 (minuti laqgha numru 48) kien sar qbil li jinxtraw dog litter bins minn barra minn Malta. Nixtieq nistaqsi jekk kienux inxtraw biex jigu installati – Gie spjegat li dawn kien waslu u ser insibu hin bil-haddiema sabiex dawn jehlu. Gie spjegat li b'kollox hemm total ta' sitta.

Nissugerixxi li tigi diskussa bye-law ghar-rahal taghna dwar kontroll tal-hamiem, li ghandha tipprotegi l-ambjent fit-toroq tal-Gharb u jonqos risku ta' mard u hsara f'residenzi (bjut u makkinarju tal-air-conditions) u anke fi blockage ta' sistemi tal-ilma. – Is-Sindku wiegeb li din hija ideja tajba li tista' tigi adottata. Joseph Mizzi ta' sample ta' wahda ezistenti Il-Kusnill ghandu jara kif jista' jadotta din ghar-rahal taghna. Is-Sindku qal ukoll li l-problema qeghda fil-parti tal-fgura fejn diga kien sar anke tank apposta biex jitnaqqas il-hamiem pero' ghad baqa' l-problema. Tonio Mifsud qal li f'Postomaso kien sar xi haga biex jigu kkontrollati. Tonio Mifsud gie mitlub sabiex jesplora x'jista' jsiru u jinforma lill-Kunsill.

## 60.5 Korrispondenza u Rapporti

60.5.1 Giet trattata korrispondenza mir-Regjun t'Ghawdex dwar ikla ghall-persuni anzjani u dawk li qed jghixu wehidhom fejn il-Kunsill qabel li jsir reklam sabiex dawn ikunu jistghu japplikaw biex tigi offruta lir-residenti tal-Gharb.

60.5.2 Gie trattata r-rizultat ta' sqaq fi Triq il-Knisja sabiex jinghata isem u jsir bil-pavimentar. Fir-rigward ta' l-isem kulhadd kien qabel pero' fir-rigward tal-pavimentar kien hemm tlett familji li qablu u wahda le. Tkompliet id-diskussjoni fejn sar qbil li l-Kunsill ghandu jmexxi mall-kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq sabiex jinghata l-isem filwaqt li ghall-pavimentar ghandha ssir talba lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jigi indikat jekk dan huwiex privat jew pubbliku. Jekk il-Kunsill jibqa' bla risposta ghandhom jigu avvicinati r-residenti u wiehed jara x'hemm inkluz fuq il-kuntratt tal-propjeta' taghhom.

60.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

PA/06572/23, PA/04649/23, PA/07051/23, RG/01095/23, PA/06821/23 u PA/06733/23.

**60.6 Attivitajiet tal-Milied**

60.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu l-fondi sabiex jigu organizzati attivitajiet tal-Milied. L-attivitajiet ser jsiru bejn il-11 u 30 ta' Dicembru 2023 pero' fil-gurnata tal-Milied mhux ser isir xejn. Huwa spjega li l-gimgha d-diehla ser tigi installata l-ice-rink. Gie spjegat il-kalendarju ta' l-attivitajiet kif ser ikun imqassam. Miriam Borg staqsiet jekk hux ser jigi nstallat palk. Is-Sindku qal li l-ewwel ghad irid jigi identifikat kif ser jigu installati il-huts li b'kollox huwa mahsub li jkun hemm tnax peress li diga hemm ghaqdiet li talbu ghal wahda. Gie diskuss li jekk jibqa' zejjed ghandu jsir avviz ghal dawk li jkunu jixtiequ wahda. Bhala parti mill-program gie spjegat li ser ikun hemm ukoll Santa Factory bhas-sena precedenti. Miriam Borg semmiet ukoll artist lokali zghazugh li jista' jkun interessat li jesebixxi l-arti tieghu f'hut minnhom. Is-Sindku talab sabiex f'dan il-kaz, dan ghandu javvicina l-Kunsill bl-interess tieghu.

60.6.2 Gie spjegat li l-party tat-tfal li jigi organizzat b'kollaborazzjoni mall-Parrocca huwa mahsub li jsir fis-26 ta' Dicembru. Gie innotat li l-problema ghal din il-gurnata huwa li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghandha ppjanat il-kuncert annwali tal-Milied 'Dreams of Vienna' u ghaldaqstant qed jigi diskuss f'jista' jsir.

60.6.3 Is-Sindku stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex issir l-ikla annwali tal-Kunsilliera fejn giet diskussa fl-liema data ser issir u l-Kunsill qabel unanimament li ssir fit-3 ta' Dicembru wara l-Gharb Run.

**60.7 Progetti u Xogholijiet**

60.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jigi moghti fondi ghal zewg latrina awtomatici. Huwa zied jghid li l-Kunsill kellu diga offerta' u jrid jigi diskuss mall-kuntratt jekk huwiex disponibbli li jaghmilhom jew inkellha tinhraeg offerta mill-gdid. Wahda ser tkun qeghda ssir f'Ta' Pinu fejn qed jinbena l-kumpess il-

gdid u l-ohra jew ser tkun qeghda ssir fil-latrina prezenti ta' Triq Trux fejn tkun wahda li tinkorpora kollox jew tigi installata wahda awtomatika f'post iehor.

60.7.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-progett M4.3 ghat-toroq rurali kienet saret laqgha fuq il-post flimkien mall-Perit u kuntrattur sabiex jittiehdu l-livelli. F'dan l-istess progett il-Kunsill kien ghadu jistenna risposta dwar is-*savings* fejn il-Perit kien qieghed jipprepara anke justifikazzjoni ghaliex gew jiswew inqas minn kif kienet l-applikazzjoni.

**60.8 Safra**

60.8.1 Is-Sindku qal li qed isiru l-preparamenti ghal dawk interessati li jinghaqdu mall-Kunsill ghas-safra gewwa Disney World Paris. S'issa jidher li kien hemm interess kbir ta' madwar 80 persuna u ghaldaqstant irid isir charter fejn il-Kunsill ikollu johrog parti mill-ispiza. Sadanittant l-agenzija qeghda tbiegh ukoll il-biljetti sabiex il-prezz ikun issusidjat pero' f'dan l-istadju ghadhom qeghdin jigu diskussi kif ser tinhadem. Is-Sindku spjega kif inhu l-program propost lill-membri u li dan ser ikun qed isir bejn it-3 u 6 ta' Jannar, 2024.

**60.9 Skeda ta' Pagamenti**

60.9.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**60.10 Materji ohra**

60.10.1 Ma kienx hemm materji ohra.

**60.11 Tmiem tal-laqgha**

60.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it- Hamis 21 ta' Dicembru, 2023 fid-9.00am.

60.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.55am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv